# FRAK MILL-FOLKLOR TAŻ-ŻEBBUĠ F'GĦAWDEX

Dun Geoffrey G. Attard

Fost l-irħula kollha tal-gżira tat-tliet għoljiet, iż-Żebbuġ ta' Għawdex huwa mingħajr dubju l-ogħla wieħed, u ċertament l-aktar wieħed li jgawdi veduti ta' ġmiel naturali uniku li jagħmel minnu wieħed mill-iżjed irħula mfittxija mill-Maltin u l-barranin fil-gżira ta' *Calypso*. Mifrux fuq medda ta' art dejqa imma tawwalija bil-knisja parrokkjali tifred minn xulxin iż-żona tat-Tramuntana magħrufa bħala 'ix-xagħra l-kbira' u l-lokalità tan-Nofsinhar imsejħa 'Il-Ponta', ir-raħal ta' Santa Marija, kif ġie msejjaħ mill-kittieba, joffri spettaklu naturali singulari kif ukoll ġrajja antika mxebilka ħaġa waħda ma' dik tal-gżira Għawdxija.

## LETTERATURA DWAR IR-RAĦAL

Fi tfuliti kont immur iż-Żebbuġ mal-ġenituri tiegħi biex inżur lil Marija u Toni Cassar (tas-Silly) fid-dar tagħhom fil-pjazza tal-knisja minħabba li binhom iż-żgħir Louis iżżewweġ lil ziti, oħt missieri Rose. Dawn kienu l-ewwel tifkiriet tiegħi taż-Żebbuġ fit-tmeninijiet bikrija; fl-2008 ntbgħatt bħala Viċi Parroku fil-parroċċa u minn dakinhar ma waqaftx nosserva dak kollu li huwa Żebbuġi. M'hemmx dubju li r-raħal għandu l-folklor tiegħu li huwa magħġun ħaġa waħda mal-istorja tal-lokalità, ħafna minnha mhux dokumentata. Irrid imma qabelxejn insemmi ż-żewġ kotba tal-istorja tar-raħal li għandna f'idejna minbarra d-deskrizzjoni ta' De Soldanis fil-magħruf ktieb tiegħu *Gozo Antico e Moderno, Sacro e Profano* li l-Mons. Ġużeppi Farrugia Gioioso tal-Librerija Pubblika ta' Għawdex kien qaleb għall-Malti f'nofs is-seklu l-ieħor bl-inkuraġġiment tal-Gvernatur Sir Harry Luke. Dawn iż-żewġ kotba huma l-ktieb mhux stampat imma miġbur biss f'faxxikli miktub minn Mons. Ġan Andrea Vella,[1] kanonku tal-Katidral ta' Għawdex (1899–1990) u l-ktieb ta' Dun Ġużepp C. Vella stampat fl-1988 bl-isem *Iż-Żebbuġ il-Parroċċa ta' Santa Marija*. Dawn iż-żewġ kotba, bit-tieni wieħed aktar xjentifiku, imlew vojt li kien ilu jinħass is-snin.




Il-kwadru mirakoluż tal-Kunċizzjoni taż-Żebbuġ. Il-pittur u s-sena mhumiex magħrufa

## IL-"KUNĊIZZJONI" TAŻ-ŻEBBUĠ

Il-qima lejn il-Madonna f'Għawdex mhijiex xi ħaġa li twieldet ilbieraħ; Għawdex saħansitra ġie mlaqqam 'il-gżira tal-Madonna' forsi l-aktar minħabba l-preżenza tas-Santwarju ta' Pinu. Il-Katidral hu ddedikat lill-Assunta. Fil-Qala, is-Santwarju tal-Kunċizzjoni huwa magħruf biżżejjed. Ħames parroċċi fil-gżira għandhom dedikazzjoni Marjana. L-Isqof Cauchi ma nafx x'ma għamilx biex ikabbar il-kult Marjan bil-kelma miktuba u mxandra oralment. Imma fiż-Żebbuġ, iddedikat lill-Assunta u parroċċa sa mill-1688,[2] it-titular ukoll huwa Santa Marija u l-Inkurunazzjoni tagħha fis-sema. Madankollu, f'waħda mill-kappelli laterali, għad hemm għall-qima tal-pubbliku kwadru mill-eqdem magħruf bħala 'Il-Kunċizzjoni'.

Patri Alexander Bonnici jikkummenta u jgħid li din mhijiex il-Kunċizzjoni imma Santa Marija f'qagħda differenti,[3] il-kwadru ta' awtur mhux magħruf juri lill-Verġni Marija b'idejha miġburin fuq sidirha imma bil-qamar taħt riġlejha. It-tema teoloġika tal-inkwatru tista' tkun kontroversjali imma l-kult żgur li mhuwiex dubjuż għaliex kuljum bosta xama' jidher jixgħel quddiem ix-xbieha Marjana; minbarra dan, il-fdalijiet tal-ewwel kappillan Dun Franġisk Vella jinsabu midfuna f'urna fil-kappella u fuqu l-kwadru tal-Isqof Davide Cocco-Palmieri li fired il-parroċċa l-ġdida tal-Assunta fiż-Żebbuġ u għamilha awtonoma.

## TAL-VIRTUT

Il-parroċċa fiż-Żebbuġ kienet magħrufa bħala Santa Marija tal-Virtut. Importanti li wieħed jisħaq li l-kelma hija 'virtut' u mhux 'virtù' anke jekk ix-xebh bejn iż-żewġ termini huwa kbir u t-tentazzjoni li wieħed ifixkilhom hija faċli. Erin Serracino-Inglott ma jsemmix il-frażi 'tal-virtut' imma jieqaf ma' 'tal-virtù' u jgħid li dan huwa l-isem ta' xagħra u katakombi qrib ir-Rabat ta' Malta fejn illum hemm is-seminarju djoċesan.[4] Il-Professur Aquilina jidħol aktar fid-dettall billi jsemmi l-knisja magħrufa bħala Santa Marija tal-Virtut fl-Għarb, Għawdex imbagħad jgħaddi biex isemmi l-knisja bl-istess isem fir-Rabat ta' Malta.[5] Madankollu hu għandu f'moħħu hawnhekk il-knisja tal-Virtut fl-Għarb u mhux dik taż-Żebbuġ. Imma tradizzjoni qadima tirreferi għat-titular taż-Żebbuġ t'Għawdex bħala Santa Marija tal-Mirakli jew tal-Virtujiet.[6] Imma ċertament li l-aktar studju awtorevoli dwar is-suġġett tal-folklor marbut mat-titlu u l-isem 'Tal-Virtut' sar mill-istudjuż Għawdxi Victor J. Galea. Galea jistqarr ċar u tond:

> *Dan it-titlu kien ikollu bidu minħabba xi miraklu kbir li tkun għamlet il-Madonna fl-imgħoddi, li l-poplu jibqa' jsemmih minn nisel għal ieħor.*[7]

Mons. Anton Gauci jikteb dwar l-inkwatru hekk imlaqqam 'tal-Kunċizzjoni' fiż-Żebbuġ li minnu l-Madonna kienet tixħet il-ġebel lejn l-għedewwa:

> *This Madonna is also said to have been seen in Żebbuġ's streets repelling the Turks with stones and routing them towards the sea so that the Moslem leaders themselves used to warn their men not to attack Żebbuġ because of 'the Beautiful White Lady appearing there with stones in her hands.*[8]

L-istoriku Rev. Dr Joseph Bezzina fl-ewwel volum tiegħu tal-leġġendi miġbura jirrakkonta l-leġġenda tal-Madonna li toħroġ mill-kwadru biex titfa' l-ġebel lejn il-furbani Torok Misilma meta dawn jaħbtu għar-raħal. Jingħad li meta l-Madonna tkun imnikkta, il-wiċċ tagħha fil-kwadru jisfar imqar qabel xi traġedja naturali jew inkella xi inċident ikrah.[9]



Santa Marija, iż-Żebbuġ, Għawdex (Grech's Photo Studio)

## L-GĦAŻŻIELA

Imma żgur li l-aktar tradizzjoni antika marbuta maż-Żebbuġ u li hija marbuta biss ma' dan ir-raħal partikulari hija dik tal-għażżiela. Min mhux midħla tal-leġġendi u l-folklor ta' Għawdex, meta jisma' din il-kelma aktarx li moħħu jmur fiċ-ċerva li dwarha jitkellem is-salm 42 '*sicut cervus desiderat ad fontes aquarum*', bil-Malti 'bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat tal-ilma' li ġiet immużikata minn Palestrina f'melodija llum magħrufa ma' kullimkien. Imma l-għażżiela taż-Żebbuġ mhi xejn għajr biċċa għaġina fil-forma tal-ittra 'M' li hija l-ewwel ittra ta' isem il-Madonna. Eluf minn dawn l-'għażżilat' isiru ta' kull sena matul ix-xahar ta' Lulju min-nisa Żebbuġin biex imbagħad jitqassmu fi tmiem il-quddiesa u

l-purċissjoni nhar it-tieni Ħadd ta' Settembru, l-eqreb Ħadd lejn it-12 tax-xahar, tifkira liturġika tal-Isem Qaddis tal-Verġni Marija. Sabiex wieħed isir jaf l-għeruq tal-leġġenda u l-kult lejn l-għażżiela, wieħed irid jaqra dak li kellu x'jgħidilna Ġorġ Pisani, li minbarra li kien poeta, kien ukoll ġabbar tal-folklor ta' Għawdex.[10] Matul is-snin issaħħaħ it-twemmin li l-preżenza ta' din l-għażżiela magħmula mid-dqiq u l-ilma fid-djar tbiegħed il-perikli tas-sajjetti. Għalkemm mal-frażi 'Santa Barbara la deni u lanqas ħsara', l-aħjar antidotu kontra l-maltemp għall-Għawdxin kienet l-għażżiela taż-Żebbuġin. Wara li wieħed ikun studja dak kollu li jista' dwar l-għażżiela taż-Żebbuġ, jibqa' biss li nikkonkludu li fi lsienna, il-kelma għażżiela jista' jkollha tliet tifsiriet; hija tip ta' ċerva, hija l-għaġina devota li dwarha qed nitkellmu u hija wkoll il-persuna li tagħżel it-tajjar.

## KRISTINA TAL-GĦADAM

Inħoss li kitba dwar il-folklor taż-Żebbuġ ma tkunx sħiħa mingħajr tal-inqas riferenza għal Kristina Galea, il-mara Żebbuġija li tant Għawdxin u Maltin kienu jirrikorru għandha wara li jkunu ġarrbu xi ksur fil-għadam. Kristina Galea kienet mara twila u mibnija li għandha kienu jmorru n-nies jitolbu l-għajnuna anke jekk ikunu fekku xi parti minn ġisimhom.[11] Niftakar li fi ċkuniti diversi kienu dawk in-nies li kienu jistaqsu għaliha. Kristina Galea twieldet fl-1910 u mietet fl-1993. Nies bħal Kristina kienu fenomenu li ftit kien hawn bħalu f'Għawdex u li fiż-żminijiet moderni tal-lum tista' tgħid li ma fadalx. Permezz tal-interventi tagħha Kristina ma kellhiex f'moħħha li tfixkel ix-xogħol xjentifiku tat-tobba imma biss li sservi ta' għajnuna u sostenn għal dawk kollha li kellhom u għandhom għal qalbhom is-saħħa ta' ħuthom il-bnedmin.

## L-INSIĠ, NEWL U ĦIDMA FIL-ĠEBEL

Iż-Żebbuġ t'Għawdex jibqa' wkoll magħruf għall-bżulija ta' niesu. Fost is-snajja' l-aktar marbutin maż-Żebbuġ irrid insemmi l-ħidma tal-insiġ u n-newl, ħidma illi sabet postha fil-poeżija tal-poeta President Anton Buttigieg mill-Qala, liema poeżija se nikkwota



L-għażżiela taż-Żebbuġ (Baskal Mallia)



Kristina Galea (1910–93)

fi tmiem din il-kitba. L-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira meqjuma fil-Knisja Parrokkjali għadhom imlibbsin sal-lum ilbies tan-newl minsuġ min-nies lokali. Fil-ktieb tiegħu dwar il-ġrajja tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-parroċċa taż-Żebbuġ, Dun Ġużepp Vella jsemmi kif in-nies kienet tilbes ħwejjeġ tan-newl minsuġ mill-ħajt tal-qoton jew tas-suf tan-nagħaġ.[12]

Iż-Żebbuġin huma wkoll magħrufa għall-ħidma fil-ġebla Maltija. Hawnhekk irrid insemmi l-ktieb ta' Viktor Vella Muskat bl-isem *Vitor Vella Ħajtu u Ħidmietu*.[13] F'dan il-ktieb dwar in-nannu tiegħu li jġib l-istess isem, Vella Muskat idomm il-bijografija dettaljata ta' dan il-bennej magħruf ta' Għawdex wild iż-Żebbuġ, u li jibqa' magħruf l-aktar għall-bini tal-Knisja Santwarju Ta' Pinu kif ukoll għall-koppla tal-Knisja taż-Żebbuġ raħal twelidu. Sal-ġurnata tal-lum għadek issib żgħażagħ Żebbuġin li jiddedikaw il-ħin liberu tagħhom għas-sengħa tal-ġebla; persentaġġ iżgħar jagħżlu dan ix-xogħol bħala karriera ewlenija tagħhom.

## KONKLUŻJONI

Kull min iżur ir-raħal taż-Żebbuġ t'Għawdex għandu jibqa' msaħħar bid-dehriet pittoreski li wieħed għadu jista' jgawdi ta' diversi rkejjen tal-gżira Għawdxija, seħer li għanna l-poeta tan-natura Anton Buttigieg fil-poeżija tiegħu 'Iż-Żebbuġ t'Għawdex' kif tixhed din l-ewwel strofa tagħha li biha nixtieq intemm din il-kitba:

*Jien mort kull naħa t'Għawdex*
*Imbarra miż-Żebbuġ:*
*Naf biss l'hemm nies għaqlija*
*Jitħabtu mal-maħluġ,*
*L'hu raħal, l-ogħla f'Għawdex,*
*Is-sħab imiss mad-djar,*
*In-nies f'taqliba ħarxa*
*Jitbiegħdu mill-kampnar.*

*Endnotes*

1 Dun Anton Dimech, *Mons. Andrea Vella. Skrutinju Spiritwali Ta' Ħajtu* (maħruġ fis-sena 2000, fl-għaxar anniversarju minn mewtu), paġna 4 (mhux innumerat).

2 Alexander Bonnici, *Il-Matriċi Kolleġġjata tal-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex* (Għawdex,1975), 70 jew Karmenu Grech, *Il-Knisja Arċi-Matriċi tal-Belt u tal-Gżira ta' Għawdex* (Malta, 1996), 29.

3 Hekk ukoll hu tal-fehma Victor J. Galea fil-ktieb tiegħu kkwotat f'din il-kitba, jgħid 'Qabel ma daħlet id-drawwa li l-Assunta tielgħa s-sema jpinġuha b'idejha miftuħin, kienu jagħmlulha jdejha magħluqin bħalma narawha hawn Għawdex, barra ż-Żebbuġ, fl-inkwatru tal-Madonna ta' Pinu u ta' Santa Marija tal-Qala' (cfr. Victor J. Galea, *Qwiel u Qaddisin*, 60).

4 Erin Serracino-Inglott, *Il-Miklem Malti*. Id-Disa' Volum (Klabb Kotba Maltin, Malta, 1989), 12.

5 Joseph Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, Volume II (Midsea Books Ltd; Malta, 1990), 1508.

6 Dun Ġorġ Vella, 'Iż-Żebbuġ – Santa Marija' Kapitlu 15 fil-ktieb *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-Festi Tagħhom*, Volum IV (Pubblikazzjonijiet Indipendenza; Malta, 1994), 242.

7 Victor J. Galea, *Qwiel u Qaddisin. Folklor u Twemmin f'Għajdut il-Maltin u l-Għawdxin* (Calypso Island Publications; Għawdex, 1999), 58.

8 Anton Gauci, *Gozo. A Historical and Tourist Guide to the Island* (St Joseph's Home Printing Press, Ħamrun, Malta 1969), 112.

9 Joseph Bezzina, *Forty Legends From Gozo. Stories of bygone times* (=Gaulitana 9), (Gozo, 2001), 28.

10 Ġorġ Pisani, *Mill-Gżira tal-Ħolm. It-Tieni Ġabra ta' Leġġendi Għawdxin* (Pubblikazzjonijiet Indipendenza; Malta, 1995), 261-278. Pisani jgħid hekk fi tmiem kitbitu: '...minn dan jidher li l-plural tal-għażżiela devota taż-Żebbuġ, bl-isem tal-Madonna, għandu jkun għażżilat u mhux għażżiel li hu l-maskil ta' għażżiela, mara li tagħżel it-tajjar'.

11 xi Salvina Galea, 'Kristina Galea. Min hi din il-mara?' f'*L-Għolja taż-Żebbuġ*, Numru 71, Il-45 Sena, 92.

12 Joseph C. Vella, *Il-Ġimgħa l-Kbira ż-Żebbuġ Għawdex. Good Friday Żebbuġ Gozo*, (mhux datat imma stampat f'Għawdex fl-2014), paġna 20.

13 Victor Vella Muskat, *Vitor Vella. Ħajtu u Ħidmietu. L-Imgħallem Bennej tas-Santwarju Ta' Pinu*, Għawdex, 2009.